Ref Nru 18

Il-minuti tat-tmintax il-laqgha tas-seba` leglislatura tal-Kunsill Lokali Qala li nzammet nhar il-Hamis 15 ta' Dicembru 2016, fis-6:30 ta' filghaxija fil-kamra tal-laqghat fl-ufficcju amministrattiv tal-Kunsill.

Prezenti:

| | |
|---|---|
| Sindku: | Clint Camilleri |
| Vici Sindku: | Paul Buttigieg |
| Kunsillieri: | Jesmond Borg<br>Karl Buttigieg |
| Segretarja Ezekuttiva: | Marcia Borg |

Skuzat:

| | |
|---|---|
| Kunsillier: | Paul Buttigieg |

**1 Talba.**

1.1 Il-laqgha nbdiet permezz ta' talba u giet preseduta mis-Sindku.

**2 Qari u approvazzjoni tal-minuti tas-sittax u tas-sbatax il-laqghat.**

2.1 Peress li l-minuti tas-sittax u tas-sbatax il-laqghat tqassmu qabel dawn gew ikkonsidrati bhala moqrija.

2.2 Is-Sindku ppropona li ghandhom jsiru xi korrezzjonijiet fil-minuti. Huwa semma li korrezzjoni minnhom ghandha jsir f'materja numru 2 kontijiet pendenti fejn parti mit-tnax is-sentenza ghandha tinqara hekk: "fejn gab *chit* (*delivery note*) ta' konkos u l-istess haddiem qal lis-Segretarja li darba ohra mhux ser jiffirma peress li ngab konkos nieqes,". Il-korrezzjoni l-ohra ghandha jsir fl-istess materja izda fl-ahhar sentenza fejn ghandha tinqara hekk: "Is-Sindku qal li sa fejn jaf hu Kunsilli ohra jew Dipartimenti juzaw biss sistema ta' hlas skond ic-*chits*. Dan il-Kunsill mar oltre minn hekk fejn Perit ikejjel l-istess xogholijiet tad-*delivery notes* sabiex ikun hemm *double checking*. Fil-fatt il-Kunsill ser ikun qieghed ihallas skond il-kont tal-Perit.

2.3 Il-Kunsill qabel ma dawn il-korrezzjonijiet u wara l-minuti gew approvati.

**3 Punti mqajma mill-minuti.**

3.1 Ma tqajmu ebda punti mill-minuti.

**4 Korrispondenza.**

4.1 Giet trattata din il-korrispondenza:

4.2 Ittra mibghuta minn Sharlon Mercieca mill-Qala Saints Football Club dwar Jum il-Qala *Tournament* 2016. Il-Kunsill qabel li ghandu jaghti €700 ghal dan it-*tournament*.

4.3 Ittra mibghuta minn Noel Mizzi President tal-Qala Saints Football Club fejn il-Kunsill gie mitlub sabiex jinforma lill-Perit Edward Scerri halli permezz ta' *minor amendment* fil-permess tal-MEPA sabiex jittranga l-*ground* tal-*football* ezistenti, izid xi xogholijiet godda li gew imsemmija fl-istess ittra.

4.4 Ittra mibghuta minn Leanne Dalli mill-Awtorita` tal-Ippjanar fejn informat lill-Kunsill illi l-applikazzjoni ghal permess ta' zvilupp sabiex jittranga l-*ground* tal-*football* ezistenti u jsiru *changing rooms* u facilitajiet relatati giet ikkonfirmatha bhala kompluta. In-numru tar-referenza taghha hija PA/06783/16.

4.5 Ittra mibghuta minn Ruben Said mit-Transport Malta fejn semma li mhemmx oggezzjoni ghal *communal disabled parking* fi Triq Wied Simar.

4.6 Cirkulari numru 38/2016 mibghuta mid-Direttur Adrian Mifsud tad-Dipartiment ghall-Gvern Lokali, dwar fondi pubblici minfuqa ghal finanzjament ta' ghaqdiet.

4.7 Ittra mibghuta minn Manuel Mizzi mill-Ghaqda Armar San Guzepp – Qala fejn semma li din l-ghaqda ser torganizza wirja ta' presepji fic-Centru Parrokkjali. Il-Kunsill gie mitlub ghajnuna finanzjarja ghal din il-wirja. Il-Kunsill iddecida li ma jaghtix ghajnuna peress li ma jistax jaghmel dan skond cirkulari numru 38/2016 tad-Dipartiment ghall-Gvern Lokali.

4.8 Zewg ittri mibghuta minn Antonello Abela Principal fil-*Public Contracts Review Board* dwar l-ittri ta' oggezzjoni ta' Nicholas Zammit dwar l-offerti ghal tiknis u tindif ta' toroq u qtuh ta' haxix *in an environmentally friendly manner* (zona A) u tiknis u tindif ta' toroq u qtuh ta' haxix in *an environmentally friendly manner* (zona B) fejn talbu diversi dokumenti u risposti ghall-ittri ta' Nicholas Zammit. Id-dokumenti rikjesti ntbghatu kif ukoll ntbghatu ittri ta' risposti permess tal-avukat tal-Kunsill. Il-Kunsill ircieva zewg ittri minghand il-*Public Contracts Review Board* fejn informaw lill-Kunsill li l-oggezzjonijiet ma gewx sottomessi fi zmien stipulat mill-ligi u ghalhekk il-Bord jiddikjara li l-oggezzjonijiet mhumiex skond ir-regolamenti u li ma jistax jikkonsidra dawn l-oggezzjonijiet izjed. Il-Kunsill ircieva zewg ittri minghand l-avukat Joseph Grech f'isem Nicholas Zammit fejn semma li l-klijent tieghu qed joggezzjona ghad-decizjonijiet tal-Bord peress li l-ittri ta' accettazzjoni tal-Kunsill kienu datata hziena u gew impostati fl-4 t'Ottubru 2016. Il-Kunsill bghat kopja ta' dawn iz-zewg ittri lill-*Public Contracts Review Board*.

4.9 Dokumenti dwar hamsin siegha *Community Work* mal-Kunsill Lokali li jrid jaghmel Joseph Portelli wara sentenza li nghatat lilu mill-Qorti.

4.10 Diversi korrispondenza bejn il-Kunsill u Joanne Mary Spiteri dwar proposta sabiex jinstab post alternativ ghal *bus stop* ezistenti fi Triq il-Qala.

4.11 Ftehim bejn il-Kunsill Lokali u WasteServ Malta Ltd dwar il-gbir ta' skart organiku tad-djar li jaghlaq fil-31 ta' Dicembru 2016.

4.12 Ittra mibghuta mis-Segretarju Ezekuttiv George Refalo tar-Regjun Ghawdex dwar Progett Kreattiv bil-kollaborazzjoni tal-Kunsilli Lokali.

4.13 Ittra mibghuta mill-Inginier Renzo Curmi mill-Galea Curmi Engineering fejn irrefera ghat-talba tal-Kunsill sabiex titwahhal bozza gdida fi Triq l-Indipendenza. Huwa irrakkomanda li l-Kunsill ghandu jitlob tlett kwotazzjonijiet ghal provvista ta' bozzoz filwaqt li l-installazzjoni jsir mill-Kuntrattur prezenti Richard Cauchi. Il-Kunsill talab kwotazzjonijiet u rcieva kwotazzjoni wahda minghand Charles Borg ta' Econetique. Il-Kunsill qabel li ghandha tigi ordnata din il-bozza kif ukoll xi bozzoz ohra sabiex jitwahhlu f'postijiet ohra fejn hemm talbiet ghalihom.

4.14 Ittra mibghuta minn Laurie Zammit tal-Koperattiva Ghawdxija tal-Indafa Pubblia Limitata, dwar proposta ghall-introduzzjoni ta' *skips* ghal kull meta jkun hemm xi xogholijiet fit-toroq li kawza taghhom l-istess triq tinzamm maghluqa.

4.15 Gew mibghuta dawn l-ittri mill-Kunsill:

4.16 Ittra lic-*Chairman* tal-Awtorita tal-Ippjanar dwar l-applikazzjoni ghal permess ta' zvilupp bin-numru PA/4934/16 fejn il-Kunsill informah li ma jsibx oggezzjoni ghal din l-applikazzjoni sakemm il-bini propost ikun skond il-linji gwidi tal-Awtorita` tal-Ippjanar. Il-Kunsill ircieva *acknowledgment* ghal din l-ittra.

4.17 Giet mibghuta ittra mill-Kunsill lil-awdituri RSM Malta bhala risposta ghall-*management letter* dwar l-*audit findings* li hargu mill-*audit* ta' l-*accounts* tal-Kunsill ghas-sena li ghalqet 31 ta' Dicembru 2015.

**5 Attivitatjiet ghal zmien il-Milied 2016.**

5.1 Is-Sindku semma li l-attivitajiet li ser jigu organizzati ghal zmien il-Milied 2016 ser ikunu jikkonsistu f'serata ghall-familja u Premju Unur Gieh il-Qala. Gie iffirmat ftehim bejn il-Kunsill u l-Iskola Primarja Qala sabiex tintuza s-sala tal-Iskola ghas-serata ghall-familja.

5.2 Gie deciz li l-ikla tal-Kunsill isir nhar l-Erbgha 28 ta' Dicembru 2016, fis-7:30 ta' filghaxija, f'Ta' Frenc Restaurant.

5.3 Is-Sindku semma wkoll li ser isir tizjin ta' Triq it-28 t'April 1688 bid-dwal mill-Ghaqda Muzikali 'Ite ad Josef', Qala kif ukoll ser isir *audio entertainment* f'din l-istess triq minn Radju Lehen il-Qala fejn jindaqqu l-*Christmas Carols*.

## 6 Gemellagg ma' Canale Montenaro, l-Italja.

6.1 Is-Sindku semma li ser isir zjarja ta' delegazzjonijiet minn erba` Kunsilli ta' Ruma l-Italja. Ghalhekk ser ikun hemm delegazzjoni ghal kull Kunsill Lokali tal-Qala, Ghajnsielem, Zebbug u Gharb. L-akkomodazzjoni ser ikun b'xejn fil-hostel tal-ITS il-Qala. Is-Sindku semma li l-ispejjes tal-Kunsill Lokali Qala ser ikunu *lunch* fil-ITS il-Gimgha f'nofsinhar u ikla s-Sibt filghaxija li gie deciz waqt il-laqgha li jsir il-Fliegu Restaurant. L-ispejjes tat-trasport ta' dawn id-delegazzjonijiet ser jinqasmu bejn l-erba' Kunsilli Lokali.

## 7 Pagamenti minn naha tal-ARPA/*Paying Agency* pendenti.

7.1 Is-Sindku semma li l-Kunsill ghadu ma jrcievex il-fondi minn naha tal-ARPA/*Paying Agency* wara l-laqgha li kienet saret maghhom dwar dan.

## 8 Ghazla tal-*expression of interest* dwar ftehim rigward gbir ta' skart tal-ippakeggjar (skart separat).

8.1 Il-Kunsill ircieva zewg proposti ghal *expression of interest* dwar ftehim rigward gbir ta' skart tal-ippakeggjar (skart separat). Il-Kunsill iddecida li ghandha jsir ghazla ta' proposta fil-laqgha tal-Kunsill li jmiss.

## 9 Aggornament.

9.1 Il-laqgha ntemmet fid-8:00 ta' filghaxija. Laqgha ohra giet stabbilita ghal nhar il-Gimgha 27 ta' Jannar 2017.

| | |
|---|---|
| IFFIRMAT | IFFIRMAT |
| Clint Camilleri | Marcia Borg |
| Sindku | Segretarja Ezekuttiva |